**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Charles Spiteri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles Spiteri ta' 43 sena iben Carmelo u Rose xebba Delia imwieled Pieta nhar l-10 ta' Frar 1964 u residenti Binja K, Entratura A Flat 7 Triq il-Gizimina, Housing Estate, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita 2074M

Akkuzat talli:

1. Nhar bejn [sic] il-lejl ta' 21 ta' Jannar 2005 u 22 ta' Jannar 2005 f'xi hin bil-lejl, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' ghodda minn fond sitwat Galdes and Mamo Trading Ltd, Triq il-Wied tal-Imsida liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jaccedi Lm100 (mitt lira) izda anqas minn LM1000 (elf lira

Maltin), liema serq sar ghad-detriment ta' diretturi tal-kumpanija Galdes and Mamo Trading Ltd;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' direttur tal-kumpanija Galdes and Mamo Trading Ltd; (Art 325 1 b)

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (Art 334)

4. Finalment akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza fil-konfront tieghu tigi trattata bil-procedura sommarja.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2021 id-difiza eccepiet l-preskrizzjoni kwinkwennali.

**5.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** Din is-sentenza hija limitata ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni tad-difiza li l-azzjoni odjerna hija estinta bil-preskrizzjoni kwinkwennali.

**7.** L-*iter* ta' dawn il-proceduri huwa brevement is-segwenti:

(i) L-imputat huwa akkuzat b'diversi reati allegatament kommessi bejn il-lejl tal-21 ta' Jannar 2005 u 22 ta' Jannar 2005.

(ii) Ic-citazzjoni fil-konfront tieghu gietipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' April 2007 u ffirmata mill-Ispettur Silvio Valletta.

(iii) Inzammu seduti fit-13 ta' Lulju 2007, 5 ta' Dicembru 2007 u 20 ta' Frar 2008 fejn ma deher hadd.

(iv) Fis-seduta sussegwenti tal-4 ta' Gunju 2008 deher biss l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Silvio Valletta li ipprezenta riferta posittiva tal-imputat. Skond din ir-riferta l-imputat kien gie notifikat b' "*avviz ta' dehra/Sub Peona*" fl-24 ta' Mejju 2008,[1] pero huwa ma deherx ghas-seduta.

(v) Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008, rega' deher biss l-Ufficjal Prosekutur Silvio Valletta.

(vi) Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2009 gie verbalizzat hekk:[2]

*"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat.*
*Deher l-Ufficjal Prosekutur Spettur Silvio Valletta.*
*Il-kawza giet differita ghat-tmintax (18) ta' Marzu 2009.*
*L-imputat notifikat fl-awla."*

(vii) Is-seduta tat-18 ta' Marzu 2009 giet differita fuq ordni ta' din il-Qorti, diversament preseduta. Fis-seduti tat-23 ta' April 2009 u 25 ta' Gunju 2009 regghet deheret biss il-Prosekuzzjoni. Pero f'din l-ahhar seduta, jidher li l-Ispettur Valletta ipprezenta riferta pozittiva tal-imputat, li gie notifikat fl-14 ta' Mejju 2009, pero ir-riferta ma tindikax b'liema dokument gie notifikat.[3]

---

[1] Ara fol. 22 tal-process.
[2] Ara fol. 24 tal-process.
[3] Ara fol. 29 tal-process.

(viii) Fis-seduti tat-2 ta’ Dicembru 2009, 3 ta’ Marzu 2010 u 16 ta’ Gunju 2010 rega’ ma deher hadd. Is-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2010 giet differita fuq ordni ta’ din il-Qorti.

(ix) Fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2011, rega’ ma deher hadd, u din il-Qorti iddifferiet il-kawza *sine die*, in vista tan-nuqqas ta’ interess tal-Prosekuzzjoni fil-proceduri.

(x) Fit-23 ta’ Dicembru 2020, l-Ispettur Joseph Mercieca ipprezenta rikors li fih informa lil din il-Qorti li kien gie inkarigat sabiex jiehu f’idejh din il-kawza, u talab li tigi riappuntata. Din il-Qorti laqghet it-talba b’digriet tas-6 ta’ Jannar 2020, u l-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-11 ta’ Frar 2021.

(xi) Fis-seduta tal-11 ta’ Frar 2021 deher biss l-imputat assitit mid-difensur legali tieghu, stante li l-Ufficjal Prosekutur ma setghax jattendi ghal ragunijiet ta’ sahha. Is-seduta tad-19 ta’ April 2021 giet differita bhala mizura sabiex tipprevjeni t-tixrid tal-pandemija Covid-19.

(xii) Fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2021, l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma c-citazzjoni bil-gurament, sar l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li mhux hati, u d-difiza eccepiet l-preskrizzjoni kwinkwennali.[4]

**8.** L-iskop wara l-istitut tal-preskrizzjoni huwa imsejjes fuq l-obbligu tal-istat, tramite il-pulizija ezekuttiva, illi jinvestiga u imexxi ‘il quddiem l-azzjoni penali kontra l-awtur ta’ reat kriminali u mhux jibqa’ inattiv sabiex b’hekk isir iktar difficli kemm ghal prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza li jressqu l-provi li jistghu jintilfu bit-trapass taz-zmien, b’riskju li ssir ingustizzja kemm mal-awtur tar-reat kif ukoll mas-socjeta in generali.

**9.** L-Artikolu 689 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*“Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba recidiva.”*

[4] Ara fol. 41 tal-process.

**10.** Meta wiehed ihares lejn ic-citazzjoni, l-imputazzjoni li ggorr maghha l-ikbar piena hija l-ewwel imputazzjoni, u cioe serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix Lm1000, li anke fiz-zmien li allegatament gie kommess ir-reat, iggor piena massima ta' erba' snin prigunerija, ai termini tal-Artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali.

**11.** Id-difiza qed teccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali. Skond l-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali, l-azzjoni kriminali taqa' bil-preskrizzjoni *"bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena."* Fil-kaz odjern, il-piena massima ghall-ewwel imputazzjoni hija ta' erba' snin prigunerija, u ghalhekk il-preskrizzjoni kwinkwennali mhux applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni.

**12.** Ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kodici Kriminali, *"Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti ex officio, u l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha."* Ghaldaqstant il-Qorti se tghaddi *ex officio* biex tara liema preskrizzjoni hija applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni. Il-preskrizzjoni applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hija dik kontemplata fl-Artikolu 688(c), fejn l-azzjoni kriminali taqa' bil-preskrizzjoni *"bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin."*

**13.** Fil-kaz odjern, ir-reat allegatament sar fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Jannar 2005, u konsegwentement, it-terminu preskrittiv skada fit-22 ta' Jannar 2015, salv jekk jigi ippruvat li kien hemm xi interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni kif preskritti mill-Kodici Kriminali.

**14.** Ai termini tal-Artikolu 693(1) tal-Kodici Kriminali *"Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat."* Mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat gie notifikat b'avviz ghad-dehera f'dawn il-proceduri fl-24 ta' Mejju 2008. Billi tali avviz huwa att tal-procediment dan ifisser li l-preskrizzjoni giet interrotta u regghet bdiet tiddekorri mill-gdid minn din id-data. Jirrizulta wkoll li l-imputat rega' gie notifikat b'xi att ta' dawn il-proceduri (ghalkemm fir-riferta m'hux indikat x'inhu l-att) fl-14 ta' Mejju 2009, u konsegwentement il-preskrizzjoni regghet giet interrotta ghal darb'ohra minn

din id-data. Pero t-terminu preskrittiv rega' beda miexi mill-gdid u skada fil-15 ta' Mejju 2019.

**15.** L-Artikolu 687(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."*

**16.** Ghalkemm kif diga inghad iktar il-fuq mill-atti jirrizulta li l-imputat gie notifikat b'zewg riferti, ma jirrizulta mill-ebda wahda minn dawn iz-zewg ir-riferti li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni kontenenti l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Ghalkemm jirrizulta mill-atti li l-imputat attenda ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2009,[5] mill-verbal relattiv ma jirrizultax li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni f'dik is-seduta. Fil-fatt skond l-istess verbal, ghalkemm f'dik is-seduta deher ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Silvio Valletta, il-kawza giet differita, pero fil-verbal ma giex registrat ghaliex il-kawza giet differita.

**17.** F'dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tad-data meta l-imputat giet notifikat bic-citazzjoni, jekk xi darba gie hekk notifikat, qabel din inqrat bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2021. Fix-xhieda tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Joseph Mercieca qal hekk:

*"(J)ien fuq dan il-kaz qatt ma kont involut bhala investigazzjoni. Dan il-kaz ... ... gie riferut lili lura fit-tmintax (18) ta' Dicembru tal-elfejn u ghoxrin (2020). Dan il-file ftit li xejn sibt dokumenti dwar l-iter tal-investigazzjoni. In fatti kull ma ghandi fil-file hija l-akkuza u l-istqarrija ... ... Assolutament ma hawn l-ebda indikazzjoni ta' meta kien notifikat bil-komparixxi l-imputat, ... ...ma sibt l-ebda riferta ohra li tindika illi kien gie notifikat l-imputat b'xi seduti jew b'xi haga. U lanqas riferti negattivi ma hawn. Kellimt lill-eks Deputat Kummissarju Silvio Valletta xi darbtejn fuq dan il-kaz, ... ... u qalli li*

[5] Ara fol. 24.

*fil-pussess tieghu ma ghandu l-ebda dokumenti dwar dan il-kaz jigifieri nkluz r-riferti."*[6]

**18.** Fid-dawl tas-suespost, ma hemmx dubbju li l-ewwel imputazzjoni giet preskritta bit-terminu ta' ghaxar (10) snin fil-15 ta' Mejju 2019.

**19.** Pero il-Qorti ma tistax ma tosservax li fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ta' dawn il-proceduri mill-ufficjal prosekutur originali l-ispettur (sussegwentement Deputat Kummissarju) Silvio Valletta tmexxiet bl-aktar mod negligenti u irrisponsabbli. Huwa certament inaccettabbli f'socjeta demokratika li jigu intavolati proceduri kriminali kontra persuna, u mbaghad l-proceduri jigu mitluqa u abbandunati mill-prosekuzzjoni stess. Ma jirrizulta li kien hemm l-ebda diffikulta partikolari sabiex jigi notifikat l-imputat bic-citazzjoni. Fil-fatt l-imputat gie notifikat darbtejn b'atti gudizzjarji – darba fir-residenza tieghu u darba ohra fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar, ghaliex presubbilment dak iz-zmien kien impost fuqu obbligu sabiex jirraporta l-Ghassa in konnessjoni ma' proceduri kriminali ohrajn.

**20.** Din in-nonkuranza totali fil-prosegwiment ta' dawn il-proceduri kriminali mill-Ufficjal Prosekutur originali ikkreat ingustizzja kemm fil-konfront tal-imputat li ilu bi proceduri kriminali pendenti kontrih - li lanqas kienu nbdew - wara hmistax (15)-il sena, kif ukoll ingustizzja lis-socjeta in generali li ghandha kull interess li persuni suspettati li kkommettew reat, jigu debitament ipprocessati minn dawn il-Qrati fi zmien ragonevoli sabiex jigi determinat jekk effettivament humiex hatja li ikkommettaw tali reat o meno, u f'kaz affermattiv jigu ikkundannati l-piena li jkun haqqhom.

**Konkluzjoni**

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara li dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

[6] Ara fol. 44 tal-process.

**22.** Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull azzjoni li jidhirlu opportun li ghandu jiehu.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**